# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 10.10

## REGOLAMENTI DWAR IL-PROTEZZJONI TAS-SAGĦTAR

23 ta' Marzu, 1932

*IN-NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN 85 ta' l-1932.*

**1.** It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti hu Regolamenti dwar il-Protezzjoni tas-Sagħtar. Titolu fil-qosor.

**2.** Ħadd ma jista' jeqred, jaqta' jew jaqla' mill-egħruq xtieli tas-sagħtar (Thymus Capitatus), jew ibiegħ, jixtri, juża jew iżomm xtieli minn dawn għal xi għan. Projbizzjoni.

**3.** Id-Direttur ta' l-Agrikultura jista', madankollu, jagħti permess bil-miktub biex jinqata', jinqala' mill-egħruq jew jiġi mċaqlaq sagħtar, kull meta l-art tkun meħtiega biex tinħadem jew biex tkun mod ieħor sviluppata ndustrijalment, jew biex jitnaqqas in-numru ta' xtieli fejn dawn ikunu kibru ż-żejjed. Permess f'ċerti każijiet.